**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Frar, 2017**

**Mandat Nru: 160/2017/1 AF**

**Anna Rita Caruana xebba bint Paul Caruana u Carmela Caruana neé Spiteri**

**vs**

**Selby Limited (C-9143)**

**Alfred Debono irtirat bin il-mejtin Leonard Debono u Catherine Debono neé Farrugia**

**Helen Debono mart Alfred Debono bint il-mejtin Raymond Spiteri u Carmela Spiteri neé Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Anna Rita Caruana li permezz tieghu, talbet lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jittrasferixxu jew jghabbu b'xi piz appartament bin-numru 2, fil-binja 183, Triq ix-Xatt, Gzira.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Selby Limited, Alfred Debono u Helen Debono.

Rat id-dokument anness.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-mertu tar-rikors jinsab ezawrit stante li jidher li l-intimati hallsu lir-rikorrenti dak li kienet qed tippretendi minghandhom. Jidher illi l-istess hlas kien gie offert lir-rikorrenti qabel ma gie ntavolat ir-rikors odjern. Madankollu wara r-rifjut ma sar ebda depozitu fil-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-31 ta' Jannar 2017, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF